PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/0101(CNS)

2.9.2008

EMENDI
9 - 12

Draft report
Luca Romagnoli
(PE409.790v01-00)

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali - European Criminal Records Information System (ECRIS) fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/XX/JHA

Proposta għal deċiżjoni
(COM(2008)0332 – C6-0216/2008 – 2008/0101(CNS))

AM_Com_LegReport

Amendment 9
Adina-Ioana Vălean

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) ***Id-Deċiżjoni Qafas 2008/XX/JHA dwar il-protezzjoni tad-data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali għandha tapplika fil-kuntest l-iskambju kompjuterizzat ta' informazzjoni estratta minn rekords kriminali ta' l-Istati Membri.***	(14) ***L-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandha tkun kundizzjonata mill-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' strument li jiggarantixxi b'mod adegwat il-ħarsien ta' data personali pproċessata fil-qafas tal-koperazzjoni ġuridika u tal-pulizija fi kwistjonijiet kriminali.***

Or. en

Emenda 10
Nicolae Vlad Popa

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 3 - paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Infrastruttura komuni ta' komunikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq in-netwerk ta' komunikazzjoni tas-Servizzi Transewropej għat-Telematiċi bejn l-Amministrazzjonijiet (S-TESTA) u ***żviluppi oħra f'dan il-qasam jew kwalunkaw netwerk alternattiv sikur operat mill-Kummissjoni.***	4. Infrastruttura komuni ta' komunikazzjoni għandha tkun ibbażata ***temporanjament*** fuq in-netwerk ta' komunikazzjoni tas-Servizzi Transewropej għat-Telematiċi bejn l-Amministrazzjonijiet (S-TESTA) u ***aktar tard għandha tkun ibbażata fuq is-sistema ta' komunikazzjoni sikura tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (EJN).***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sistema ta' telekominikazzjoni sikura tan-netwerk ġudizzjarju Ewropew ġdid għandha l-għan tal-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u awtoritajiet kompetenti oħra b'responsabilitajiet speċifiċi fil-kuntest tal-koperazzjoni internazzjonali ġudizzjarja. L-EJN

bl-istruttura flessibbli u deċentralizzata tiegħu jidher li ħadem tajjeb ħafna fl-aħħar snin. Il-Parlament Ewropew reċentament adotta regolamenti ġodda li jiżguraw in-natura sikura ta' dawn il-konnessjonijiet tal-telekomunikazzjoni. Ukoll, għal raġunijiet finanzjarji, jeħtieġ li jintużaw żewġ sistemi li għandhom għan kważi identiku: l-EJN u S-TESTA.

Emenda 11
Urszula Gacek

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 5 - paragrafu 1 - punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-lista ta' *offiżi* nazzjonali f'kull kategorija msemmija fit-tabella ta' l-*offiżi* fl-Anness A. Il-lista għandha tinkludi l-isem u l-klassifika legali ta' l-*offiża* u r-referenza għad-dispożizzjoni legali applikabbli. Tista' tinkludi wkoll deskrizzjoni qasira ta' l-elementi li jikkostitwixxu l-*offiża*;	(a) il-lista ta' *reati* nazzjonali f'kull kategorija msemmija fit-tabella ta' l-*reati* fl-Anness A. Il-lista għandha tinkludi l-isem u l-klassifika legali tar-*reat* u r-referenza għad-dispożizzjoni legali applikabbli. Tista' tinkludi wkoll deskrizzjoni qasira ta' l-elementi li jikkostitwixxu r-*reat*;
	it-traduzzjoni ta' deskrizzjoni ta' reat nazzjonali mil-lingwa oriġinali li tressqet biha għandu jkun ix-xogħol u r-responsabilità unika ta' kull Stat Membru individwali li jitlob traduzzjoni u m'għandhiex issir mill-ECRIS. Ladarba traduzzjoni tkun tlestiet, l-ECRIS għandha toffri l-għażla li tiżdied mal-bażi tad-data.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-traduzzjoni sistematika ta' deskrizzjoni ta' kull kodiċi ta' reat nazzjonali, li minnhom hemm eluf, għal-lingwa ta' kull Stat Membru tirrekjedi eluf ta' sigħat ta' xogħol u spiża li għad mhix magħrufa. Jekk it-traduzzjonijiet kollha huma meħtieġa qabel ma jitlesta l-ECRIS, dan ifisser li l-ECRIS ma jkunx jista' jibda jaħdem għal bosta snin. Dan m'għandux isir. Fl-istess waqt, ladarba qorti nazzjonali ttraduċiet id-deskrizzjoni, din l-informazzjoni għandha tkun tista' tiżdied fl-ECRIS bħala għajnuna għall-komunikazzjoni tal-ġejjieni u biex ma jkunx hemm duplikazzjoni tat-traduzzjoni fil-ġejjieni.

Emenda 12
Adina-Ioana Vălean

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 5 - paragrafu 1 - punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-lista ta' *offiżi* nazzjonali f'kull kategorija msemmija fit-tabella ta' l-*offiżi* fl-Anness A. Il-lista għandha tinkludi l-isem u l-klassifika legali ta' l-*offiża* u r-referenza għad-dispożizzjoni legali applikabbli. ***Tista'*** tinkludi wkoll deskrizzjoni qasira ta' l-elementi li jikkostitwixxu l-*offiża*;	(a) il-lista ta' *reati* nazzjonali f'kull kategorija msemmija fit-tabella tar-*reati* fl-Anness A. Il-lista għandha tinkludi l-isem u l-klassifika legali tar-*reat* u r-referenza għad-dispożizzjoni legali applikabbli. ***Għandha*** tinkludi wkoll deskrizzjoni qasira ta' l-elementi li jikkostitwixxu r-*reat*;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk l-inklużjoni ta' deskrizzjoni qasira tal-elementi li jikkostitwixxu r-reat kriminali ssir obbligatorja, l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri rispettivi jsir aktar effettiv. Is-sistemi tal-liġi kriminali tal-Istati Membri jistgħu ikunu differenti sew minn xulxin. Ta' spiss, l-Istati Membri lanqas biss ikollhom l-istess reati kriminali, jiġifieri dak li huwa reat fi Stat Membru wieħed jista' ma jġorrx piena skont il-liġijiet ta' Stat ieħor. B'hekk, deskrizzjoni qasira ta' dan it-tip tgħin lill-awtoritajiet tal-Istat Membru li qed jitlobha biex jifhmu aħjar in-natura tar-reat ikkonċernat.